Fehim mill-Qari

Il-Proġett

Il-passatemp t'Oliver hu l-qari. Ma tarah imkien bla ktieb f'idejh. Waqt il-brejk jippreferi joqgħod x'imkien għall-kwiet jaqra xi ktieb dwar l-annimali. *(paragrafu 1)*

Sħabu tal-klassi jaqbdu miegħu għax huma jħobbu jilagħbu l-logħob fuq il-kompjuter u ma tantx iħobbu l-qari. L-iktar issa li Denver u sħabu skoprew il-logħba tad-Draguni. Iffissaw fuqha *(they got obsessed)* u dejjem jitkellmu fuq kemm għandhom draguni ġodda.

(paragrafu 2)

LIVEWORKSHEETS

Ilbierah l-ghalliema tathom proġett x'jagħmlu. Kellhom jagħżlu annimal li jgħix fil-ġungla u jagħmlu powster dwaru. Peress li Oliver kien jaqra ħafna kotba, kulħadd ried joqgħod miegħu. Denver u Liam mill-ewwel ingħaqdu m'Oliver fi grupp. *(paragrafu 3)*

Is-Sibt filgħodu ltaqgħu fid-dar t'Oliver. Oliver, Denver u Liam kitbu xi informazzjoni dwar l-iljunfanti. Kitbu dwar kif l-iljunfant juża t-tromba tiegħu, dwar x'jiekol u x'perikli jiltaqa' magħhom matul ħajtu. Denver u Liam jafu jpinġu ħafna allura żejnu l-powster bi tpinġijiet sbieħ. . *(paragrafu 4)*

Il-powster ġie sabiħ ħafna u ġabu marka tajba. Barra minn hekk Denver u sħabu saru ħbieb ma' Oliver u tgħallmu jaċċettaw lil kulħadd u ma jidħku b'ħadd. *(paragrafu 5)*

<u>Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba</u>

	Veru	Falz
1. Oliver iħobb ħafna l-qari.		
2. Il-proġett kien dwar annimali li jgħixu fid-dar.		
3. Denver u Liam jafu jpinġu ħafna.		

<u>Eż. B: Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba:</u>

4. Denver u sħabu jħobbu jilagħbu l-logħba:

tan-numri.
tal-aljeni.
tad-draguni.

LIVEWORKSHEETS

5. Il-grupp t'Oliver kien magħmul minn:

Denver u Liam
Max, Gordon, Denver u Sandro.
Maria, Max, Gordon u Denver.

6. Oliver u l-grupp tiegħu ltaqgħu:

s-Sibt filgħodu.
t-Tnejn filgħaxija.
s-Sibt filgħaxija.

7. Il-grupp ta' Oliver ġabu marka (tajba, ħazina) fil-proġett.

<u>Eż. E : Imla l-vojt bil-femminil skont l-istampa:</u>

1. Omm Oliver taħdem bħala _____.

2. Oliver għandu _____.

3. Oħt Oliver għandha _____.

4. In-_____ t'Oliver toqgħod il-Furjana.

LIVEWORKSHEETS